**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 11 – IT-TNEJN, 9 TA’ DIĊEMBRU 2019 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Trevor Fenech | Sindku |
| Anthony Mifsud Bonnici | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Etienne Bonello Du Puis | Kunsillier |
| Joe Aquilina | Kunsillier |
| David Dalli | Kunsillier |
| Tania Borg | Kunsillier |
| Violet Bajada | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 10**

1.1 Ma kienx hemm korrezzjonijiet

1.3 Is-Sur Trevor Fenech ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Violet Bajada ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 10**

2.1 Dwar paragrafun 5.8, is-Sur Dominic Cassar ilmenta li l-membri tal-kunsill kellhom jirċievu invit la l-Kunsill kien qed jgħin finanzjarjament din l-attività. Is-Sindku rrisponda li kull meta l-kunsill jiffinanzja xi attività, għandha tidħol l-logo tal-Kunsill u tidħol il-frażi “b'kollaborazzjoni mal-Kunsill ta' San Ġwann“.

6.15pm Is-Sinjura Violet Bajada skużat ruħha mil-laqgħa.

**3 Pagamenti Numru 10**

3.1 Is Sur Trever Fenech ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu. Kien hemm approvazzjoni wkoll il-petty cash għax-xahar ta' Novembru.

6.20pm Is-Sinjura Violet Bajada reġgħet daħlet għal-laqgħa.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar il-pagamenti tal-kuntrattur Twish Co Ltd. Kien hemm qbil li jiġi mitlub parir legali.

4.2 Kien hemm diskussjoni dwar kawża li l-Kunsill tilef u ġie kkundannat iħħallas. L-insurance tal-Kunsill ikkomunika li l-Kunsill m'għandux jappella u ser iħallsu huma. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jappellax.

4.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li d-data tas-smiegħ għal deċiżjoni tal-proġett tal-Cart Ruts ser tkun fl-10 ta' Diċembru 2019.

## 5 Korrispondenza

5.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li għandha toħroġ sejħa pubblika għal żewġ skrivani.

5.2 Kien hemm qbil li l-ikla tal-Milied issir fid-9 ta' Jannar 2020 fl-Urban Valley.

5.3 Il-Kunsill ġie nfurmat li ġew approvati fondi għal irrigazzjoni fil-ġonna.

5.4 Kien hemm diskussjoni dwar is-sejħiet pubbliċi biex jinħarġu t-tenders tal-knis u l-ġonna.

6.45pm Kien hemm recess fil-laqgħa.

7.00pm Reġgħet bdiet il-laqgħa.

## 6 Affarjiet Ohra

6.1 Is-Sinjura Joan Farrugia lmentat li hemm bżonn tiġi rranġata parti mill-bankina fi Triq ta' Ċieda. Hi talbet biex issir talba lil TM biex issir reserved parking f'Misraħ Lourdes għal tabib li għandu l-uffiċċju hemm.

7.20pm Is-Sur Etienne Bonello Du Puis skuża ruħu mil-laqgħa.

6.2 Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li hu ser jerġa' jibda fil-kariga tiegħu.

7.25pm Is-Sinjura Joan Farrugia skużat ruħha mil-laqgħa.

6.2.1 Is-Sur Dominic Cassar talab biex isiru No Entries fi Triq l-iStefanotis.

7.30pm Is-Sinjura Violet Bajada skużat ruħha mil-laqgħa.

6.3 Is-Sur Joe Aquilina lmenta li hemm bozza maqtugħa fi Triq iċ-Ċawl kantuniera ma' Triq ir-Russett. Talab ukoll biex issir bozza ġdida fi Triq Wied Għollieqa.

7.35pm Is-Sur Joe Aquilina skuża ruħu mil-laqgħa.

6.4 Is-Sur David Dalli lmenta li hemm bżonn patching fi Triq il-Kuċċard u hemm id-dawl mitfi f'zebra crossing fi Triq in-Naxxar.

6.5 Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici lmenta li hemm bżonn tindif fi Triq in-Narċis.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7.50pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 13 ta' Jannar 2020 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Trevor Fenech**
**Sindku**